# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħa Nru : **28** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **il-Ħamis 18 ta' Diċembru 2014 fis-6.22p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sur John B Camilleri<br>Is-Sur Sandro Gatt |
| Skużat | Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sinjorina Desiree' Attard<br>Is-Sur David Massa (Ambaxxatru Kunsill taż-Żagħżagħ) |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skrivana | Is-Sinjura Lucille Bonnici |

### ***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 27.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Aġġudikazzjoni tat-Tender KLM 2014/05 – *Professional service of an architect for the upkeep and maintenance of roads pavements and other infrastructural projects.*
6. Mistoqsijiet.
7. Mozzjonijiet.
8. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
9. Aġġornament.

Mayor
Mario Calleja

Vice Mayor
Desiree` Attard

Councillors
John Baptist Camilleri
Charlot Mifsud
Charlot Cassar
Elisabeth Cassar
Lawrence Ciantar
Daniel Spiteri
Sandro Gatt

Executive Secretary
Josef Grech

1.0 ***Qari w approvazzjonital-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 27(1) tal-24 ta' Novembru 2014:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni illi paġna 2 artiklu 2.1.2 ir-raba` paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jekk nippermettu lis-sid tal-ħanut jagħmel affarijiet li mhux skond il-permess ser nispiċċaw b'diversi ħwienet illi jiksru l-liġi. Huwa qal li dejjem saħaq illi dak li huwa tal-ħwienet għandna ntuwulhom u dak tar-residenti ukoll".*

1.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ġibed l-attenzjoni illi paġna 5 punt #3.5 it-tieni u t-tielet pargrafi jriedu jinbidlu u jinqraw kif ġej:

*"Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar jekk din il-materja ġietx diskussa fil-laqgħat illi jattendi hu bħala rapreżentant tal-opposizzjoni fil-kumitat konsultattiv tan-naħa ta' isfel ta' Malta".*

*"Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar wieġbu illi peress li huwa f'dan il-kumitat ma jkunx bħal Kunsillier tal-Kunsill Lokali ta' Marsaskala iżda rappreżentat tal-oposizzjoni allura ma jkunx jista jgħid x'ikun intqal waqt dawn il-laqgħat. Huwa ssuġġerixxa illi tintbagħat rikjesta formali liċ-Chairman l-Onor Silvio Parnis u jistaqsi lilu".*

***Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier s-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet***

***Il-minuti ġew unanimament approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

2.1 **Laqgħa Nru 27(1) tal-24 ta' Novembru 2014:**

2.1.1 Il-Sindku nforma lill-Kunsilliera rigward punt #2.1.2 ta' paġna 2 fejn kien kellem lis-Sid tal-istabbiliment fi Triq ix-Xatt u nfurmah illi struttura fissa ma tistax titħalla fil-post u l-għada kien neħħihom.

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi kien ħareġ *no objection* lis-stabbiliment *Cool's Water* għal-mużika kemm għal-lejliet il-Milied u għal-lejliet l-ewwel tas-sena.

2.1.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera rigward punt #2.1.9 ta' paġna 3 illi is-Sur Raymond Farrugia tal-*Works Division* kien nfurmah illi l-papri ser jinqabdu, l-*fence* kien ser jiġi rranġat kif ukoll ser jitnaddaf fil-magħluq.

➢ ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar daħal għal-laqgħa fis-6:28pm.***

2.1.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera rigward punt #3.3 ta' paġna 4 illi s-Sur Raymond Farrugia Direttur Ġenerali tal-*Works Division* kien nfurmah illi x-xogħol fuq dan il-ħajt kien ser jibda.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi l-ħajt bejn il-bajda u s-sewda u t-taraġ kien iddeterjorat ukoll u jinsab fi stat perikoluż.

Is-Sindku wieġbu illi kien ser jinforma lis-Sur Raymond Farrugia dwar dan.

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi ħaddiema fi ħdan il-Ministru tax-xogħolijiet kienu għalqu l-bokka ta' wara l-pixxina billi tellgħu filata u saqfuha, fejn għandu l-katusi illi jbattlu l-ilma tal-pixxina u b'hekk eliminaw il-periklu.

2.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa fuq punt #3.7 ta' paġna 6 jekk konniex bgħatna *reminder* rigward is-santwarju.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi ser niċċekjaw filkas nibgħatu *reminder* ieħor u nikkupjaw lilu.

***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għal-laqgħa fis-6:35pm.***

2.1.5 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq punt #2.1.5 ta' paġna 3 jekk konniex bgħatna l-ittra lit-TM rigward l-*ispeed cameras* fi Triq il-Qaliet.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi l-ittra konna bgħatnija lit-TM pero` bqajna mingħajr risposta.

2.1.6 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud informa lill-Kunsilliera fuq punt # 3.12 ta' paġna 6 fejn hu kien siefer il-Portugal fuq proġett għal-nies vulnerabbli jew li għandhom xi problema soċjali illi jixtiequ jerġgħu jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Huwa spjega illi kien ikollom ħafna laqgħat u konferenzi u issa ser jsir rapport u ser jippreżentah lill-Kunsilliera iktar il-quddiem.

Is-Sindku qal illi hemm persuna illi fil-passat kienet taħdem bħala skrivana u kella problema soċjali illi tista tiġi taħdem magħna fit-*training centre* u tkun responsabbli mit-tqassim tal-formoli u boroż griżi u xogħol ieħor illi nkunu nirrikjedu. Din il-persuna tibda tiftaħ it-*training centre* mit-Tnejn sal-Ġimgħa filgħodu. Huwa kompla jgħid illi l-ħlas ma jkunx min-naħa tagħna iżda min-naħa tas-*social services*. Apparti minn hekk huwa qal ukoll illi nies li jinsabu fl-istess stat ta' problemi soċjali ser jiżgħbu t-*taining centre* u aħna kemm niprovdu l-materjal biss.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li peress li kien hemm il-ħsieb illi mpjegata mis-*social services* tiġi darba fil-ġimgħa sabiex tagħti servizz lill-komunita` issa tkun tista tagħti dan is-servizz fit-*training centre* peress illi ġewwa l-Kunsill kien hemm problema tat-taraġ.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar talab sabiex issir skeda tal-ħinjiet bil-korsijiet u s-servizzi li qed nofru f'dan it-*training centre* sabiex wieħed jkun jaf il-ġranet u l-ħinijiet u titqassam ukoll lill-Kunsilliera.

2.1.7 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzzjoni fuq punt #3.1 ta' paġna 4 fejn qal illi wara il-laqgħa preċidenti kien qara sew il-kontenut tal-appell fil-każ tal-applikazzjoni tal-pjanti fil-Bajja San Tumas u nnota illi hemm ħafna affarijiet imniżżla dwar il-Kunsill li mhux minnhu, kif ukoll kien hemm imniżżel illi kien hemm xi pjanta ġdida illi aħna qatt ma rajna, kien hemm imniżżel ukoll li minn kiosk kien qed jitlob sabiex jiġi snack bar. Huwa qal ukoll illi jħossu urtat illi kull entita` kkonċernata kienet preżenti waqt dan l-appell u l-Kunsill tagħna lanqas kien hemm avukat jirrapreżentana.

Is-Sindku wieġbu illi kull Kunsillier kien jaf bid-data ta' dan l-appell u ħadd ma seta jmur minħabba n-natura tax-xogħol. Huwa kompla kien jgħid illi kien jkun aħjar illi kieku qajjem il-punt li jkun hemm avukata tirrapreżentanta qabel u mhux issa.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi aħna *objectors* fuq PA722/13 minkejja li kien hemm bosta applikazzjonijiet preċedenti.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi huwa tal-opinjoni li niktbu lil-MEPA illi l-pjanta l-ġdida qatt ma rajnieha u li għandhom jqisuna bħala *objectors* u għandna nkun nafu bid-data tas-smigħ qabel sabiex nkun nistgħu nkunu preżenti waqt is-smigħ, kif ukoll illi kien hemm affarijiet li ma kienux minnhom dwar li ntqal fuq il-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

2.1.8 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq punt #3.17 ta' paġna 7 jekk konniex bagħtna l-ittra u kellniex risposta biex ikollna informazzjoni mil-Ministeru tal-Edukazzjoni dwar jekk għandom pjanijiet li jkabbru l-iskola.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi l-ittra konna bgħatnija fejn irċivejna mill-Fondazzjoni tal-Iskejjel u bgħatulna sabiex nagħmlu laqgħa mgħahom.

3.0 ***<u>Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill:</u>***

3.1 **<u>Approvazzjoni ta' żewġ zebra crossings fi Triq ix-Xatt:</u>**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi t-TM bgħatulna approvazzjoni għal żewġ *mounted/raised zebra crossings* fi Triq ix-Xatt. Huwa żied jgħid illi huwa tal-opinjoni illi z-*zebra crossing* li hemm fil-preżent tiġi *raised* u tiġi *raised pedestrian crossing* oħra ħdejn it-*Tiny Mint*.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li la darba iz-*zebra crossing* ser issir *humped* allura ma jkunx hemm il-bżonn li titħaffer it-triq iżda jgħaddi pipe u titħaffer biss l-aħħar metru minn kull naħa.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li rridu nirrenġaw il-bankina ukoll ħalli jkunu aċċessibli għal kulħadd.

Il-Kunsill qabel unanimament.

Il-Kunsillier JB Camilleri ġibed l-attenzjoni illi meta jkun ser jsir ix-xogħol u jkun hemm Triq ix-Xatt magħluqa hemm bżonn illi ssir katusa ukoll fi Triq ix-xatt minn ħdejn il-monument tal-ankra sa ħdejn Pjazza Mifsud Bonnici. Huwa kompla jispjega illi in-nofs l-ieħor diġa sar cioe` lejn in-naħa ta' Grabiel.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.2 **<u>Laqgħa mal-Perit rigward il-problema tal-ilma fi Triq Sant'Anna:</u>**

Is-Sindku qal illi sabiex jgħaddu l-katusa fit-taraġ tal-bandli jridu jkissu ftit mill-bankina ħalli l-ilma jibqa nieżel ġol bandli.

Il-Kunsilliera s-Sur Lawrence Ciantar qal li ma jaqbilx illi l-ilma jispiċċa kollu ġol bandli għaliex ser jinżamm ħafna ħmieġ ġol-bandli kif ukoll tista issir ħsara fit-tapit.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li apparti minn hekk hemm il-kaxxi bil-*cables* tal-*cameras* u jekk jiġu mgħarrqa bl-ilma u ser ngħamlu ħsara lil *cameras* kif ukoll lill-apparat kollu li hemm fil-kamra. Huwa kompla jgħid illi ħdejn il-venda diġa hemm *culverts* għaddejjin u kieku jsir *culvert* minn ħdejn il-banka tal-lottu sa ħdejn l-ispizerija u jaqsam għal faċċata sabiex jaqbad ma dawn il-katusi huwa tal-opinjoni illi l-problema tissolva.

Il-Kunsilleir is-Sur John B Camilleri ftakar illi fi Trejqet ix-Xibka hemm xi katusa illi għaddejjin minn taħt l-art u jispiċċaw bejn wieħed u ieħor ħdejn il-banka tal-lottu fi triq Sant'Anna. Dan kien għamilhom xi ħadd privat peress illi l-garaxxijiet li hemm fi Trejqet ix-Xibka jgħerqu bl-ilma.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex isisr laqgħa mal-Perit u naraw jekk il-problema hux ġejja minn dawn il-kannen u naraw kif nistgħu nsolvu din il-problema.

3.3 **Korsijiet tal-First Aid:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri talbu sabiex fl-assenza tiegħu jinforma lill-Kusilliera illi l-korsijiet tal-*first aid* ser jibdew. Huwa kompla jgħid illi ser jsiru fit-*training centre* u l-Kunsill ser jħallas €10 fuq kull persuna bħala sussidju.

Is-Sindku qal li rridu noqgħodu attenti għax la darba qed niprovdu l-post allura diġa qedgħin nissusidjaw dan il-kors bil-kera tal-post u fil-konsum tad-dawl peress li mhux ser niċċarġjawh lil min ser iniedi l-kors.

Il-Kunsill qabel unanimament illi irridu niċċekjaw kif konna approvajna dawn il-korsijiet f'waħda mil-laqgħat kif ukoll fil-passat.

3.4 **Korrispondenza mingħand Marsaskala F.C (35/6254/14/14I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara ittra illi dan il-klabb jinsab f'ħafna diffikultajiet u talab lill-Kunsill l-assitenza ta' waħda mill-iskrivani sabiex tieħu ħsieb il-*paperwork* kif ukoll koordinazzjoni tal-attivitajiet. Huwa kompla jgħid illi dan il-klabb talab sabiex issir laqgħa magħhom.

Il-Kunsill qabel unanimament illi lest illi jagħti s-sapport tiegħu lill-klabb basta ma morrux kontra r-regolamenti tal-Kunsill Lokali u dan ifisser li żgur mhux finanzjarju. Il-Kunsill qabel ukoll sabiex issir laqgħa magħhom.

3.5 **Kuntratt li ġie ffirmat bejn il-Kunsill u Aġenzija Żgħażagħ rigward il-proġett li intrebaħ mill-Kunsill Lokali Żgħażagħ Marsaskala:**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi dan il-Kunsill taż-żgħażagħ rebaħ dan il-proġett u ġie mħejji l-kuntratt. Huwa kompla jispjega illi l-Kunsill diġa rċieva 50% tal-fondi tal-proġett. Huwa kompla jispjega illi kellha issir laqgħa magħhom illum sabiex nispjegawlom aħjar il-kundizzjonijiet iżda jinsabu bl-eżamijiet u allura ġie deċiż illi niltaqgħu wara l-festi.

Is-Sindku nfroma lill-Kunsilliera illi stidinijhom ukoll għal Bibita` u ser jkunu ukoll parti mill-proġett tas-*sustainibility in the locailty* fl-24 ta' Jannar 2015 fuq il-proġett illi huma rebħu bih.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar talab sabiex ninfurmawh bl-attivitajiet.

3.6 **Inawgurazzjoni ta' Ġnien tal-Bajja ta' San Tumas:**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi l-inawgurazzjoni ser issir fil-25 ta' Jannar 2015 peress li jkun għad hawn id-delegazzjoni barranija minn Siret.

3.7 **Marsaskala Local Council – TP damage to vehicle due to pothole – 09/3/14 (35/6052/14/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv kien spjega li dan kien klejm li kien sar xhur ilhu ġewwa l-Bidni u l-Kunsill kien iddeċieda illi ma jħallasx 70% tal-ħsara peress illi l-ħsara kienet sostanzjali u dan il-każ ġie rifert lill-insurance. Huwa kompla jispjega illi l-*insurance* ma kienetx irrifondiet l-ispejjeż kollha għaliex hemm ċertu affarijiet illi l-*insurance* ma tagħtikx l-ammont kollu minħabba l-*wear and tear* fejn tali spejjeż ammontaw għal madwar €400 u dan wara li kienet ġabet skont għaliex l-ispiża inizjali kienet ta' €600.

Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jispjega illi din kienet qed titlob lill-Kunsill sabiex iħallasa għal dawn l-ispejjeż filwaqt illi huwa kien iċċekkja ma l-Insurance Brokers dwar il-passi li jridu jittieħdu min-naħa tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lis-Sinjura Woollard sabiex tibgħatilna r-raġuni għaliex ma tħalsietx is-somma kollha min-naħa tal-*insurance* tagħha.

3.8 **<u>Ikla tal-Milied fil-15 ta' Diċembru 2014:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi l-ikla tal-Milied ser issir ġewwa *Brown's* restorant li jinsab *Valletta Waterfront*.

3.9 **<u>Risposta mingħand l-Onor Silvio Parnis – (35/6283/14/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara r-risposta mingħand l-Onor Silvio Parnis fejn spjega li ma kienx hemm xejn uffiċjali u qal illi dak li deher fil-ġurnal hija nterpretazzjoni ħażina.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu ittra lill-Onor Parnis sabiex nirringrazzjawh tar-risposta u nitolboh sabiex issir diskussjoni aħjar bejn il-kumitat konsultattiv u bejn il-membri tal-Kunsill.

3.10 **<u>Ittra mingħand l-Onor Silvio Parnis (it-tieni ittra datata 10 ta' Diċembru 2014) – (35/6326/14/I):</u>**

Is-Sindku qara dan il-komunikat fejn ser issir laqgħa rigward Viżjoni 2020 nhar il-Ħamis 15 ta' Jannar 2015 fl-10.30am.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lill-Onor Silvio Parnis sabiex il-laqgħa issir wara l-5.00pm minħabba li l-Kunsilliera jkunu kollha xogħol.

3.11 **<u>Memo 30/2014 – Spazji Pubbliċi – Żoni Miftuħa (35/6295/14/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi din il- memo qiegħda fuq eżerċizzju li qed jagħmel il-gvern sabiex jitjiebu aħjar l-ispazji pubbliċi eżistenti u oħrajn ġodda u għaldaqstant qed tinġabar din l-informazzjoni għall-ippjanar aħjar ta' dawn iż-żoni miftuħa.

Fost ħafna suġġerimenti bejn il-Kunsilliera il-Kunsill qabel ili irridu nbiddlu id-dawl, bankijiet u bins ta' Ġnien Sant'Anna, bankijiet tal-promenade fi Triq is-Salini mir-Residenza tal-Anzjani sal-ekx Jerma Palace, spazji miftuħa bħal Żonqor u l-Munxar jibqgħu miftuħa, l-Magħluq u hemm biċċa filsa ta' art fi Triq Għaxqet l-Għajn ħdejn il-*bring in site* tiġi rranġata aħjar.

Il-Kunsill qabel unanimament illi qabel ma nibgħatu r-risposta tagħna għandna niċċirkolawa bejn il-Kunsilliera.

5.0 ***<u>Aġġudikazzjoni tat-Tender KLM 2014/05 – Professional service of an architect for the upkeep and maintenance of roads pavements and other infrastructural projects.</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi l-bord kien evalwa l-offerenti kollha u l-bord kien qed jirrakomanda lill-Perit William Lewis għaliex kien wieħed mill-orħos u kien konformi mar-rekwiżiti kollha mitluba mil-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John Camilleri staqsa jekk dan jaħdimx hu jew jibgħatx xi Perit oħra. Huwa kompla jispjega illi jekk jibgħat Perit u aħna ma nkunux kuntenti bis-servizz tiegħu allura nirriservaw id-dritt li nitolbu li jbidlilna l-Perit.

Il-Kunsill qabel unanimament illi din l-offerta tiġi aġġudikata lill-Perit William Lewis sakemm ma nirċievux xi appell u nagħmlu din il-klawsola fil-kuntratt illi nirriservaw id-dritt li nitolbu li Perit jista jiġi sostitwit.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ħareġ mill-laqgħa fid-9:00pm.***

4.0 ***<u>Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:</u>***

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma l-Kunsilliera illi pagamenti tas-C Planet #1987, 1988, 1989, 1991, 1992 tas-seduta 27 ġew mħassra peress illi kienu diġa mħallsa filwaqt illi pagament #1990 ġie ikkancellat ukoll u ser jerġa jitressaq f'seduta 28.

4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilli illi kellna diversi pagamenti illi daħlu tard u ser jitressqu f'din is-seduta u jkunu mniżżla fis-seduta li jmiss bħala ħlasijiet b'urġenza:

1) Lis-Sur Constantine Busutill rigward connection tad-dawl tal-Milied li jammonta għal €180.
2) The Gofer Ltd rigward stationery bin-numu tal-invoice2014527 rigward stationery li jammonta għal €254.84.
3) Nexos Street Lighting rigward street lighting bl-invoice #1256 li jammonta għal €2447.89
4) Nexos Street Lighting rigward tibdil ta' belishia pole fi Triq il-Qaliet bl-invoice #2010756 li jammonta għal €637.97.

Il-Kunsill qabel unanimament rigwrad il-ħlas ta' dawn il-pagamenti.

**Il-Kunsillier s-Sur Charlot Cassar ippropona l-awtorizzazjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt issekonda.**

**Il-Kunsill approva unanimament.**

6.0 ***<u>Mistoqsijiet:</u>***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

7.0 ***<u>Mozzjonijiet:</u>***

7.1 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John B Camilleri (#086 – 3/12/14):</u>**

*"Jipproponi li fi Triq tal-Gardiel ħdejn Triq ta' Gidwet nitolbu għal zebra crossing."*

Il-Kunsill qabel unanimament illi ssir żebra crossing ftit l-isfel mill-istage li hemm kantuniera ta' Triq ta' Gidwet.

8.0 ***Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera:***

Ma kienx hemm l-ebda informazzjoni mill-Kunsilliera

9.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-21:15p.m. Il-laqgħa li jmiss ser ssir Nhar it-Tlieta 20 ta' Jannar 2014 fis-6.00pm.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku